**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN**

**11 ta' MEJJU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sur Ignatius Farrugia, s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sur Pierre Farrugia informa li kien jinsab marid u ma setgħax jattendi għas-seduta. **Ittra mehmuża dok1.**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**2.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

2.1.1 Ġew approvati l-minuti tal-ewwel seduta.

***2.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA***

2.2.1 Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 11 u 12.

***2.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK***

2.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numri 56, 57 u 58.

Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Jean Pierre Attard biex jirrapprezenta lill-Kunsill fil-laqghat tal-Gal Xlokk u l-Kunsillier aċċetta l-inkarigu.

## 2.4 *KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

2.4.1 Is-Sindku ressaq ittra anonima li d-Direttur tal-Gvern Lokali, l-Onor. Dr Owen Bonnici, l-Onor. Stefan Buontempo u l-Onor David Agius irċievew fl-24 ta' April, 2015 fejn kien hemm ġbid tal-attenzjoni fuq dan li ġej u fejn id-Dipartiment talab spjegazzjoni ta' dan :

- li waqt l-għadd tal-voti tal-Kunsilli Lokali, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, impjegati tal-Kunsill ħarqu suffarelli mill-gallarija tal-Kunsill u
- sar party fl-uffiċċju tal-Kunsill u
- waqt il-festi tar-raħal isir riċeviment fuq il-bejt tal-uffiċċju tal-Kunsill

Is-Sindku qal li dak inhar tal-għadd tal-voti veru nħarqu suffarelli, waqt il-preżenza tiegħu fuq barra tal-uffiċċju tal-Kunsill u ħadd mill-impejgati ma kien qed jaħraqhom. Hu żied jgħid li vverifika mal-istaff tal-Kunsill u ħadd minnhom ma kien qed jaħraq xi suffarelli.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li ittri anonimi m'għandhomx jingħataw attenzjoni.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma qabilx mal-Kunsillier David Abdilla, u qal li ittri anonimi xorta għandhom il-valur tagħhom u għandhom ikunu vverifikati. Hu żied jgħid li l-maġġoranza tal-ilmenti riċevuti fil-Kunsill ikunu anonimi. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-bini tal-Kunsill hu bini pubbliku u uffiċċju governattiv u m'għandux jintuża għall-attivitajiet oħra u għalhekk u jiddisassoċja ruħu minn kull attivita' li jkun hemm fl-uffiċċju tal-Kunsill mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Hu żied jgħid li min jikser il-liġi mhux ser ikollu l-appoġġ tiegħu.
Il-Kunsillier Dino Bonnici qabel mal-Kunsillier Joseph D'Amato.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tirrispondi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward li s-suffarelli ma nħarqux mis-sit tal-Kunsill Lokali u lanqas inħarqu mill-impjegati tal-Kunsill.

2.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Mistoqsija Parlamentari Numru 15716 imressqa mill-Onor. Toni Bezzina fejn staqsa biex issir kaxxa safra quddiem resident 46, Triq

San Bartolemew, minħabba li r-resident ma jkunx jista jaċċessa l-propjeta tiegħu.

Is-Sindku qal li din ir-residenta ffissata li ma trid lil ħadd jipparkja quddiem ir-residenza tagħha, tant li għamlet żmien kienet tiġi fil-Kunsill tħallas 2.33Euro biex iżomm quddiem ir-residenza tagħha vakant. Is-Sindku żied jgħid li jekk isir dak mitlub mir-residenta, jinħoloq preċedent.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Kunsill għandu jissuġġerixxi lill-persuna kkonċernata tikteb lil Transport Malta għall-permess u jekk dan jingħata, l-Kunsill jagħmel dak meħtieġ.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fil-Kunsill kien hemm 3 każi fejn il-Kunsill għamel yellow bays mingħajr l-approvazzjoni meħtieġa, għalhekk ma kienx ser jinħoloq preċedent. Hu ssuġġerixxa li yellow bay kbira li hemm fil-viċinanzi titmexxa biex tinqeda din ir-residenta ukoll.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dawk li joqgħodu fi triq dejqa jkollhom raġun li jilmentaw minn nuqqas ta' aċċess għar-residenza tagħhom, u jissuġġerixxi li għandhom ikollhom yellow box quddiem il-bieb tar-residenza biss.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier David Abdilla, nkarigat minn dan il-qasam jiċċekja l-post u jieħu ħsieb li jsir dak meħtieġ.

2.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra miktuba mis-Sur Silvio Izzi Savona (ex Sindku taż-Żurrieq) fejn issuġġerixxa sabiex issir bandla għal tfal ta' bejn is-sena u sitt snin, fi Ġnien l-Emigranti Żrieraq, għaliex minn mindu l-Kunsill għamel il-manutenzjoni meħtieġa, neħħa l-bandli li jintużaw mill-eta msemmija.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier David Abdilla, nkarigat minn dan il-qasam jitkellem mal-kuntrattur ikkonċernat u mal-perit tal-Kunsill biex jekk hu possibbli jsir dak issuġġerit.

2.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta biex jiġi nsallat Intercom fl-uffiċċju tal-Kunsill li ser jammonta għall-€310 inc. Vat.

Kien hemm qbil fuq dan.

2.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta ta' stedina għall-Ewwel forum ta' Sindki mill-EU, l-Amerika

Latina u l-Karibew li ser isir fl-4 ta' Ġunju, 2015, fi Brussel.

Il-Kunsill talab aktar dettalji ta' xi spejjeż hemm involuti u hekk kif jaslu d-dettalji jitressqu għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

***2.5 AMBAXXATUR VOT 16***

2.5.1 Is-Sindku ressaq lil Kaydem Schembri biex ikun l-ambaxxatur żagħżugħ għaż-Żurrieq. Is-Sur Kaydem Schembri għandu l-approvazzjoni tal-ġenituri tiegħu, fejn iffirmaw dikjarazzjoni ta' kunsens.

Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia, ssuġġeriet lil oħta Abigail Farrugia li hi nteressata ukoll li tkun l-ambaxxatur żagħżugħa u li ukoll għandha l-approvazzjoni tal-ġenituri tagħha.

Is-Sindku ma qabilx mas-suġġeriment tal-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia minħabba li tiġi mill-istess Kunsillier, għalkemm il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia pproponiet li toħroġ mis-seduta waqt li jagħddi vot.

Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li dan hu rwol importanti għaż-żgħażagħ fiż-Żurrieq u ssuġġeriet li qabel ma jiġi aċċettat dak imressaq, jkun intervistat fis-seduta li jmiss tal-Kunsill, ħalli b'hekk kulħadd ikun jaf lil persuna msemmija.

Kien hemm qbil fuq dan.

2.5.2 F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici semma l-Kunsill taż-żgħażagħ u li fi ftit ġranet oħra ser ikollu appuntament fir-rigward.

Is-Sindku ssuġġerixxa li s-Sinjorina Abigail Farrugia tipparteċipa fil-Kunsill taż-żgħażagħ. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni fuq dan u inkoraġġixxa lil Kunsillier Tiffany Ann Farrugia biex tinforma lil oħta.

***2.6 RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART – L-EWWEL KWART 2015***

2.6.1 Ġie ppreżentat u approvat ir-rapport ta' kull kwart għall-ewwel kwart tas-sena, maħdum mill-accountant tal-kunsill.

## *2.7 MEMO 10/2015 –SKEMA LIBRERIJI LOKALI*

2.7.1 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet Memo 10/2015 li tirrigwardja skema ta' għajnuna finanzjarja mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' €600, jekk l-Kunsill joħroġ l-istess ammont ta' fondi għal-librerija lokali.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel appuntament bejn il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia nkarigata mill-Edukazzjoni u l-librar taż-Żurrieq biex jiġi diskuss dak li hemm bżonn li jinxtara.

## *2.8 ĦARĠA GĦALL-ANZJANI F'ĠUNJU*

2.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li bħall kull sajf il-Kunsill ser jerġa jorganizza l-ġita tant mistennija mir-residenti, lejn Sqallija. Din is-sena ser issir fit-13 ta' Ġunju, 2015 mal-Kumpanija Joe Micallef Travel għall-prezz ta' 138Euro li jinkludi taxxa, trasport u ikel. Il-Kunsill mhux ser ikun involut fi spejjeż, imma jieħu 5Euro fuq kull persuna li tiġbor għal din il-ġita.

## *2.9 JUM IŻ-ŻURRIEQ*

2.9.1 Is-Sindku qal li minħabba nuqqas ta' żmien biex tiġi organizzata serata għal Jum iż-Żurrieq, hu ssuġġerixxa li għal din is-sena jkunu involuti t-tfal tal-iskola primarja fejn flimkien mal-kap tal-iskola tkun organizzata mawra madwar iż-Żurrieq bi *trains*.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li għal Jum iż-Żurrieq isir bħal ma sar dejjem u jitqegħdu bukketti ta' fjuri/kuruni quddiem il-monumenti prinċipali fiż-Żurrieq, bl-involviment tal-iscouts.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li:

- filgħodu ssir l-attivita' għat-tfal bit-*train*
- fis-19:00 jsir tqegħid ta' fjuri/kuruni quddiem monumenti prinċipali bil-parteċipazzjoni tal-iscouts
- tintbagħat ittra lill-għaqdiet kollha tar-raħal għal stedina tal-attivitajiet u jiġu mfakkra biex itellgħu l-bandiera taż-Żurrieq fuq il-bjut tas-soċjeta' tagħhom.

## *2.10 TINDIF TAL-UFFIĊINI TAL-KUNSILL LOKALI*

2.10.1 Is-Sindku nforma lis-Sinjura Marianne Grixti ma tistax tibqa tagħti s-servizz ta' tindif tal-uffiċini tal-Kunsill.

Kien hemm qbil li t-tindif ta' kuljum isir minn wieħed mill-impjegati assenjati mal-Kunsill mill-ETC u meta jkun hemm aktar bżonn il-Kunsill iqabbad kumpanija li tagħmel dan it-tindif.

F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab lista ta' ħaddiema assenjati mal-Kunsill u l-ħinijiet tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat il-lista lill-Kunsilliera kollha.

***2.11 ILMENT FUQ ĦSARA F'VETTURA FI TRIQ ĦAL FAR***

2.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment minn kumpanija tal-assigurazzjoni fuq ħsara ta' vettura li saret fl- 24 ta' Frar, 2015 fi Triq Ħal Far. Mat-talba ta' kumpens ġew preżentati d-dokumenti kollha meħtieġa u l-ammont tal-ħsara dovuta tammonta għal 453.62Euro.

Kien hemm qbil li tiġi kkuntatjata l-kumpanija tal-assigurazzjoni u jsir il-ħlas involut.

***2.12 KUNTRATT LEAP***

2.12.1 Is-Sindku qal li ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jiffirma xi tip ta' kuntratt li jagħmel il-LEAP lill-Kunsill, imma għandu jkun il-Kunsill li jagħmel kuntratt fejn jimponi lil-LEAP fuq ċertu affarijiet.

Kien hemm qbil fuq dan.

***2.13 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI***

2.13.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici talab biex tiżdied item biex illum kull kunsillier ikun jista jagħddi l-lista ta' xogħlijiet u suġġerimenti tiegħu. Is-Sindku qal li din is-seduta tista tgħid li saret b'urġenza minħabba l-items urġenti li kien hemm bżonn li jiġu diskussi. Hu żied jgħid li l-Kunsilliera ser ikollhom ċans jitkellmu f'seduti oħra.

2.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' €106,108.82.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia u mil-Viċi Sindku

Rita Grima u l-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard.

***2.13 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS***

2.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju, 2015 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta' Ġunju, 2015.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**